MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2008

Rikors Numru. 1040/2008

**Saviour FARRUGIA** bhala ufficjal inkarigat mit-Taqsima Arretrati ghan-nom u in rapprezentanza tal-Korporazzjoni Telemalta

**vs**

**Joseph CAMILLERI**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors mahluf imressaq mill-kumpannija GO p.l.c fl-14 ta' Ottubru, 2008, li bih u ghar-ragunijiet hemm imfissra r-rikorrent talbet li l-Qorti terga' taghmel ezekuttiva sentenza moghtija fit-28 ta' April, 1997 fil-kawza fl-ismijiet premessi (Cit Nru 894/95GV) u dan billi

ghaddew aktar minn ghaxar (10) snin minn meta l-imsemmija sentenza saret ezekuttiva;

Rat li l-intimat deher ghar-rikors mghejjun minn avukat difensur u ddikjara li huwa joqghod ghall-atti processwali;

Rat li r-rikorrenti kkonferma bil-gurament il-kontenut tar-rikors u ddikjara li ma thallas xejn fil-mori ta’ dawn il-proceduri;

Illi ghalhekk it-talba tar-rikorrenti tirrizulta gustifikata u ghalhekk tilqa’ t-talbiet ta’ l-istess rikorrenti.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------